MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 106/2008

Kawza fil-lista: 56

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta’ Settembru 1996 skond id-dokument hawn anness u mmarkat Dokument RM1;

2. Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-

zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kontendenti ilhom sa mid-19 ta' Novembru, 2003 (Dok. RM2), legalment isseparati;

4. Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa vvizzjat ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Familja joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti; u

2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta ddikjarat li "topponi ghat-talba attrici, stante li ma jippersistux c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 19 tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk m' hemmx bazi biex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi";

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-7 ta' Settembru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru 1996 meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien kwazi ghaxar snin. F' dan iz-zwieg twieldet tifla fil-5 ta' Settembru 1998. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' [7] snin l-attur telaq mid-dar matrimonjali u l-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni ta' l-attur*

Illi l-attur jispjega li huma kienu ilhom johorgu flimikien qabel iz-zwieg, ghaxar snin, b' interval ta' kwazi sena wara l-ewwel hames snin, f' liema interval huma kellhom xi dizgwid ; izda wara, rrezumew ir-relazzjoni taghhom, u eventwalment izzewwgu fid-data fuq indikata. Jghid ukoll li qabel iz-zwieg kien ikollhom relazzjonijiet intimi.

L-attur jghid li l-ewwel sentejn taz-zwieg, "sakemm kellna t-tifla, kollox normali konna, ma kellniex inkwiet qatt. Hi tahdem, [u] jiena nahdem."[1] Izda wara li twieldet it-tifla bdew jinqalghu l-problemi ghax martu "dejjem trid tahdem, ghax il-paga tghid ma sservihiex ; trid tmur tahdem dejjem bil-lejl, u jiena dawn l-affarijiet dejjem dejquni, ta' bil-lejl."[2]

Jghid li martu okkazzjonalment kienet bdiet tmur tahdem fil-promozzjoni tas-sigarretti, u darba, darbtejn u anke tlett darbiet fil-gimgha kienet tmur Paceville fil-lokalijiet ta' divertiment ta' bil-lejl biex taghmel dan ix-xoghol. Gieghli damet sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Dan il-fatt kien idejjqu "hafna, hafna, hafna imma din [martu] dejjem

[1] Fol.29
[2] Fol.30

twebbes rasha."[3] Isostni li mara mizzewwga kellha torqod id-dar u tipprova ssib xoghol bin-nhar.

L-attur jilmenta wkoll mill-fatt li, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara, kienet okkazzjonalment tohrog waheda mal-hbieb. Jghid li dan il-fatt minn dejjem kien iddejqu, izda xorta zzewwigha lill-konvenuta ghax kien ihobba "kont inhobbha minn dejjem."[4]

Eventwalment "jiena qbadt u tlaqt [mid-dar] ghax wasalt f' punt li kont inkun ir-razzett, u nkun tiela' lejn id-dar u kont nghid 'xi dwejjaq ;'... u kont nippreferi nibqa' r-razett milli mmur id-dar."

Jikkonferma li llum ghandu relazzjoni stabbli ma' mara ohra.

*Verzjoni tal-konvenuta*

Il-konvenuta tikkonferma li fil-bidu taz-zwieg ma kienx hemm problemi bejn il-partijiet, u li l-problemi bdew wara t-twelid tat-tifla, cioe' tlett snin u nofs mid-data taz-zwieg, peress li kienet sabet xoghol li jirrendi tajjeb u li kien jinvolvi li hi tahdem filghaxija, u ghalhekk setghet tiddedika l-hin tal-gurnata ghat-tifla li dak iz-zmien kellha madwar sena u nofs. "B' filghodu stajt inkun mat-tifla, u filghaxija meta r-ragel jirritorna d-dar jien stajt immur ghal dan ix-xoghol."[5]

Tghid li l-hurg bil-lejl f' Paceville, minhabba dan ix-xoghol, ma kienx regolari, kif qed isostni l-attur, izda "gieghli grat darba biss f' xahar, u gieghli tlett darbiet fil-gimgha."[6] Dak iz-zmien it-tifla kellha sena u nofs, u ma kienitx ghadha tarbija.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien jopponi konsistentement ghal dan ix-xoghol taghha, izda hija thoss li ma kienet qed taghmel xejn hazin ; wara kollox anke l-attur gieghli hadem bil-lejl.

---

[3] Fol.32
[4] Fol.38
[5] Fol.43
[6] Fol.43 u 55

Rigward il-hrug mal-hbieb taghha, il-konvenuta tispjega li dan kien ikun darba fix-xahar circa meta jorganizzaw ikla tax-xoghol, jew inkellha n-nisa hbieb jifthemu li johorgu flimkien bhala “ladies night” ; izda dan ma kienx ta’ spiss. Inoltre, anke qabel iz-zwieg, il-konvenuta kienet okkazzjonalment tohorg mal-hbieb taghha ; ghalkemm tammetti li l-attur minn dejjem kien jiddejjaq b’ dan il-fatt.

Tghid li pero’ din ma kienitx il-kawza principali tar-rottura tal-konvivenza matrimonjali ; u sa “ftit qabel isseparajna”[7] il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom.

Hija tilmenta li, ghalkemm l-attur huwa bniedem habrieki u kien jahdem hafna fuq ix-xoghol, huwa ma kienx jerfa’ ir-responsabbilitajiet tad-dar u tat-tifla u kien ihalli kollox f’ idejn il-konvenuta li, allura kienet tieghu hsieb it-tindif, l-ikel u l-facendi kollha tad-dar.

Tghid li “eventwalment li gara kien illi kibret id-distanza bejnietna. Imbaghad f’ daqqa wahda kont bdejt inhoss li hemm mara ohra fin-nofs. Fil-fatt hu kien ammetta mieghi li kellu relazzjoni ma’ tfajla li kienet tahdem mieghu.”[8] Pero’ l-konvenuta xorta wahda hafritlu, u ddecidew li jmorru counselling b’ tentattiv li jsalvaw iz-zwieg taghhom, izda inutilmnet ghax l-attur baqa’ jippersisti fir-relazzjoni extra matrimonjali.

Illi, rigward ir-relazzjoni pre matrimonjali taghhom li kienet testendi ghall-perijodu twil ta’ ghaxar [10] snin, il-konvenuta tghid li, anke f’ dak l-istadju kien hemm okkazzjonijiet meta hi kienet harget mal-hbieb taghha u mal-kollegi tax-xoghol, izda ma kienitx haga frekwenti. Tispjega li hi persuna socjevoli u li ghaliha dan kien haga normali. Tghid li ma’ l-attur, allura namrat taghha, kienu johorgu fuq bazi regolari.

Tghid li “waqt l-gherusija konna nitkellmu dwar kif kienet ser tkun il-hajja taghna mizzewwga. Konna nitkellmu dwar

[7] Fol.50
[8] Fol.44

il-futur taghna bhal kull koppja ohra. Fil-fatt konna anke ddiskutejna kemm xtaqna tfal, dwar jekk jiena kontx ser nieqaf nahdem ladarba jigu t-tfal, dwar x' vaganzi xtaqna niehdu, u affarijiet ohra normali."[9]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li l-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-konvenuta hija aktar veirtiera minn dik moghtija mill-attur.

Illi l-kawzalijiet li fuqhom l-attur qed jbbaza l-azzjoni odjerna huma l-capita nullitits kontemplati fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali, u l-paragrafu [f] li jikkontempla s-simulazzjoni.

Fil-meritu l-Qorti tosserva li, jirrizulta provat ghas-sodisfazzjoni taghha, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu jafu lil xulxin sewwa, tenut kont tal-peridjou twil li huma kienu ghamlu jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg, u li matulu kien ikollhom relazzjonijiet intimi ,u kienu jiddiskutu l-hajja konjugali futura taghhom.

Minn imkien ma rrizulta li l-partijiet ma kienux jafu, jew ma kellhomx certu dixxerniment, tal-hajja konjugali, tad-dritttijiet u obbligi taghha. Anzi, il-provi juru li huma riedu jizzewwgu biex jkkonvivu flimkien fil-hajja konjugali, bl-iskop li jkollhom u jrabbu l-ulied. Di fatti wara sentejn miz-zwieg huma kellhom tarbija, u wkoll sakemm it-tifla kellha sena u nofs, il-partijiet kienu ghexu l-hajja konjugali normali u ma kienx hemm problemi serji bejniethom. L-inkwiet beda biss meta l-konvenuta bdiet tahdem ma' kumpanija tas-sigaretti u dan ix-xoghol beda jinvolvi li l-konvenuta tohrog tahdem bil-lejl f' postijiet tad-divertiment.

Ghalhekk dak li beda jifred lill-partijiet fil-konvivenza matrimonjali, kienet sitwazzjoni li nholqot wara tlett snin mid-data taz-zwieg, u li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens

[9] Fol.43 u fol.56

matrimonjali ma kienitx tezisti,u li sa dan iz-zmien il-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet normali. Barra minnhekk il-fatt li, skond il-konvenuta, wassal ghat-tifrik taz-zwieg, u cioe' l-adulterju ta' l-attur u l-persistenza tieghu fir-relazzjoni adultera tieghu, dan sehh snin wara l-ghoti ta' l-imsemmi kunsens.

F' dan l-istadju hija opportun l-osservazzjoni li mhux kull nuqqas tal-konjugi, jew kwistjoni bejn il-konjugi, ghalkemm serja, twassal necessarjament ghall-annullament taz-zwieg, anke jekk din il-kwistjoni tirrizulta insormontabbli ghall-partijiet u twassal ghas-separazzjoni taghhom; ghax dak li huwa relevanti f' kazijiet bhal dawn in dizamina huwa l-forma mentis tal-partijiet fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u l-prova ta' l-eziztenza f' dak il-mument ta' wiehed mill-*capita nullitatis* kontemplati mill-ligi.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz la jezisti l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] u, wisq anqas, dak kontemplat fil-paragrafu [f], u ghalhekk it-talba ta' l-attur ma ssibx sostenn la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u timmerita li tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------